

EBA/GL/2021/01

15 ta' Frar 2021

1. Linji gwida

Linji gwida

li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-trattament alternattiv tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet relatati ma' "ftehimiet ta' riakkwist bejn tliet partijiet" stabbiliti fl-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 għal finijiet ta' skoperturi kbar

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

1.1. Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.¹ F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. Għaldaqstant l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, li l-linji gwida huma indirizzati għalihom, jikkonformaw magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eżempju billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż meta l-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

1.2. Rekwiżiti tar-rapportar

3. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sa (25.05.2021) l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza EBA/GL/2021/01. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni bl-awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki sejrin jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, f'konformità mal-mandat stabbilit fl-Artikolu 403(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kundizzjonijiet li istituzzjoni għandha tikkonforma magħhom meta tiddeċiedi li tagħmel użu mit-trattament alternattiv previst skont l-Artikolu 403(3) ta' dak ir-Regolament fir-rigward ta' ftehimiet ta' riakkwist bejn tliet partijiet iffaċilitati minn aġent ta' tliet partijiet, inklużi l-kundizzjonijiet u l-frekwenza għad-determinazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-limiti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-approċċ ta' sostituzzjoni previst fil-punt (b) tal-Artikolu 403(1) ta' dak ir-Regolament.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għal emittenti ta' kollateral minħabba ftehimiet ta' riakkwist bejn tliet partijiet (riakkwist bejn tliet partijiet) iffaċilitati minn aġent ta' tliet partijiet.

Destinatarji

7. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida.

Tranżazzjoni ta' riakkwist tripartitika (tranżazzjoni tripartitika)

tfisser tranżazzjoni ta' riakkwist fejn il-flus kontanti/kollateral jiġu depożitati u ġestiti minn aġent ta' tliet partijiet.

Ftehim ta' riakkwist bejn tliet partijiet (riakkwist bejn tliet partijiet)

tfisser ftehim ta' xiri mill-ġdid li bih il-kontropartijiet jaħtru aġent ta' tliet partijiet biex jaġixxi bħala l-aġent tagħhom u jiffaċilita s-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet bejn tliet partijiet.

Ftehim dwar is-servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral (ftehim dwar is-servizz)	tfisser il-ftehim bejn istituzzjoni u aġent ta' tliet partijiet għall-ġestjoni tal-kollateral ipprovdut lill-istituzzjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni tripartitika.
Aġent ta' tliet partijiet	tfisser parti terza li teżegwixxi servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral, li jistgħu jinkludu pagamenti u/jew għoti ta' titoli, kustodja u servizzi ta' amministrazzjoni ta' titoli inklużi l-għażla tal-kollateral u l-kustodja għall-kont tal-kontropartijiet għal tranżazzjoni tripartitika.
Emittent ta' kollateral	tfisser il-parti terza li toħroġ it-titolu li tirċievi l-istituzzjoni bħala kollateral għal tranżazzjoni tripartitika kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 403(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
Trattament alternattiv	tfisser l-approċċ li bih istituzzjoni tissostitwixxi l-ammont totali tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għal emittent ta' kollateral minħabba riakkwist bejn tliet partijiet iffaċilitat minn aġent ta' tliet partijiet bl-ammont sħiħ tal-limiti li dik l-istituzzjoni tat struzzjonijiet lill-aġent ta' tliet partijiet biex japplika għat-titoli maħruġa mill-istess emittent ta' kollateral f'konformità mal-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
Limiti speċifikati	tfisser il-limiti kkomunikati minn istituzzjoni lil aġent ta' tliet partijiet, applikabbli għat-titoli maħruġa mill-emittent ta' kollateral kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Implimentazzjoni

3.1 Data ta' applikazzjoni

9. Dawn il-linji gwida japplikaw mit-28 ta' Ġunju 2021.

4. Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-trattament alternattiv

10. L-istituzzjonijiet għandhom jiddependu minn aġent ta' tliet partijiet għall-użu tat-trattament alternattiv biss meta jkunu wettqu d-diliġenza dovuta xierqa biex jivverifikaw li l-aġent ta' tliet partijiet jikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati f'dawn il-linji gwida.

4.1 Arranġamenti ta' governanza

11. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw, f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna, li:

- a) l-użu tat-trattament alternattiv ikun dokumentat b'mod adegwat fil-politiki u l-proċeduri tagħha; u
- b) il-korp ta' ġestjoni tagħhom jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tat-trattament alternattiv.

4.2 Verifika tal-istabbiliment ta' salvagwardji xierqa mill-aġent ta' tliet partijiet għall-prevenzjoni ta' ksur tal-limiti speċifikati mill-istituzzjoni għat-titoli maħruġa mill-emittent ta' kollateral

4.2.1 Elementi minimi li għandhom jiġu inklużi fil-ftehim dwar is-servizzi

12. Għall-finijiet tal-verifika li l-aġent ta' tliet partijiet stabbilixxa salvagwardji xierqa biex jipprevjeni ksur tal-limiti speċifikati u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra f'dawn il-linji gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ftehim dwar is-servizzi jistabbilixxi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- a. deskrizzjoni ċara tas-servizzi pprovduti mill-aġent ta' tliet partijiet fir-rigward tal-ġestjoni tal-kollateral inkluż l-għotja tat-titoli;
- b. il-limiti stabbiliti mill-istituzzjoni u applikabbli għal portafoll ta' titoli fir-rigward ta' emittent ta' kollateral partikolari kif ukoll il-kondizzjonijiet għar-reviżjoni tagħhom u l-frekwenza tar-reviżjoni;
- c. dikjarazzjoni li tikkonferma li l-aġent ta' tliet partijiet stabbilixxa salvagwardji xierqa f'konformità mal-paragrafu 13 biex tiġi żgurata konformità mal-limiti speċifikati;
- d. is-sistemi ta' monitoraġġ tal-aġent ta' tliet partijiet, inkluża l-komunikazzjoni mill-aġent ta' tliet partijiet ta' kwalunkwe żvilupp li jista' jkollu impatt materjali fuq il-

kapaċità tiegħu li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod effettiv f'konformità mal-ftehim dwar is-servizzi u, fejn applikabbli, f'konformità mal-liġijiet applikabbli u r-rekwiżiti regolatorji;

- e. l-obbligu tal-aġent ta' tliet partijiet li jissottometti rapporti lill-istituzzjoni, tal-inqas darba fil-ġimgħa, dwar l-ammont u l-kompożizzjoni tal-kollateral riċevut u/jew ġestit mill-aġent ta' tliet partijiet f'isem l-istituzzjoni;
- f. l-obbligu tal-aġent ta' tliet partijiet li jirrapporta immedjatament għand l-istituzzjoni meta jkun seħħ ksur tal-limiti speċifikati;
- g. id-dritt tal-istituzzjoni jew ta' parti terza leġittima (inter alia l-awditur statutorju, l-awtorità kompetenti jew partijiet terzi maħtura minnhom) li jivverifikaw li l-aġent ta' tliet partijiet ikun stabbilixxa s-salvagwardji f'konformità mal-paragrafu 13 tal-linji gwida;
- h. il-mezzi ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw bejn l-istituzzjoni u l-aġent ta' tliet partijiet matul it-twettiq tal-ftehim.

4.2.2 Salvagwardji li għandhom jiġu stabbiliti minn aġent ta' tliet partijiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti speċifikati

13. Is-salvagwardji li l-aġent ta' tliet partijiet għandu jstabilixxi biex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti speċifikati għandhom jinkludu dan li ġej:

- a. Il-ġestjoni tal-kollateral ta' tliet partijiet titwettaq biss f'konformità mal-ftehim dwar is-servizzi iffirmat kif xieraq;
- b. Aġenti ta' tliet partijiet stabbilixxew ambjent ta' kontroll li jiżgura, għal kull komunikazzjoni dwar limiti speċifikati, li dawn il-limiti jkunu debitament awtorizzati mill-istituzzjoni, u jiddaħħlu u jiġu pproċessati b'mod preċiż, fi żmien xieraq u darba biss fis-sistema ta' ġestjoni tal-kollateral tagħhom;
- c. Aġenti ta' tliet partijiet stabbilixxew ambjent ta' kontroll li jiżgura li l-kollateral jiġi salvagwardjat, immonitorjat b'mod attiv u l-valuri tal-ipprezzar jiġu rreġistrati kif xieraq fil-ħin;
- d. Aġenti ta' tliet partijiet stabbilixxew ambjent ta' kontroll li jiżgura d-detezzjoni, f'waqtha, ta' ksur possibbli tal-limiti speċifikati;
- e. Meta jiġu allokati titoli kollaterali biex ikopru skopertura, is-sistemi tal-aġent ta' tliet partijiet jiżguraw li l-valur tas-suq tagħhom ma jkser l-ebda wieħed mil-limiti u/jew esklużjonijiet speċifikati. F'każ ta' applikazzjoni inadegwata tal-limiti riveduti speċifikati mill-istituzzjoni minħabba kwistjonijiet operazzjonali, l-aġent ta' tliet partijiet għandu jinnotifika lill-istituzzjoni fi żmien xieraq;

- f. Aġenti ta' tliet partijiet għandhom ikunu kuntrattwalment meħtieġa li jikkonformaw mal-limiti speċifikati u li jiżguraw li l-profilu ta' eliġibbiltà ta' emittenti ta' kollateral u titoli kif imsemmi fit-taqsimha 4.3.1 jistgħu jiġu vverifikati abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont il-ftehim dwar is-servizzi mill-istituzzjoni u l-fornitur tal-kollateral.
14. L-istituzzjonijiet għandhom jiksibu, mill-inqas kull sena, livell adegwat ta' assigurazzjoni fil-forma ta' dikjarazzjoni bil-miktub li l-aġent ta' tliet partijiet jikkonforma mas-salvagwardji stabbiliti skont il-ftehim dwar is-servizzi.

4.3 Determinazzjoni, reviżjoni u monitoraġġ tal-limiti speċifikati mill-istituzzjoni lill-aġent ta' tliet partijiet għat-titoli maħruġa mill-emittent tal-kollateral

4.3.1 Determinazzjoni tal-limiti speċifikati

15. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw limiti speċifiċi għal kull emittent ta' kollateral u, jekk jitqies neċessarju, jeskludu ċerti emittenti ta' kollateral sabiex ma jiksrux il-limiti ta' skopertura kbar stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
16. Il-limiti għandhom jiġu espressi bħala ammont assolut jew valur perċentwali tat-titoli kollha jew tip speċifiku ta' titolu fil-portafoll tal-emittent tal-kollateral.
17. Bil-ħsieb li jiġu ddeterminati l-limiti speċifikati, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu profili ta' eliġibbiltà bbażati fuq listi ta' emittenti ta' kollateral u fuq tipi ta' titoli li l-aġent ta' tliet partijiet jista' juża għall-kompożizzjoni ta' portafoll ta' titoli ta' emittent ta' kollateral partikolari. Għal dawn il-finijiet, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-konnessjonijiet possibbli bejn emittenti uniċi ta' kollateral jew bejn emittenti uniċi ta' kollateral u klijenti tal-portafoll kollu li jistgħu jwasslu għal grupp ta' klijenti konnessi f'konformità mal-Artikolu 4(1)(39) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
18. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-limitu speċifikat applikabbli għal portafoll ta' titoli minn emittent ta' kollateral partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu dan li ġejj:
- a) l-iskoperturi attwali tagħhom għall-emittent tal-kollateral u l-grupp tiegħu ta' klijenti konnessi, jekk disponibbli;
 - b) l-iskoperturi tagħhom għall-emittent tal-kollateral u l-grupp tiegħu ta' klijenti konnessi, jekk disponibbli, matul is-sena kalendarja preċedenti;
 - c) l-iskoperturi skedati tagħhom għall-emittent tal-kollateral u l-grupp tiegħu ta' klijenti konnessi, jekk disponibbli, għas-6 xhur sa 12-il xahar li ġejjin;
 - d) jekk l-istituzzjoni tkunx iġġestixxiet it-titoli maħruġa minn emittent tal-kollateral permezz ta' riakkwist bejn tliet partijiet jew kombinazzjoni ta' riakkwist bejn tliet

partijiet u tranżazzjonijiet ta' riakkwist li daħlu għalihom direttament ma' kontroparti.

19. Minbarra l-elementi msemmija fil-paragrafi 17 u 18, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu limiti billi japplikaw marġni ta' konservatiżmu li jippermetti lill-istituzzjoni tikkonforma mal-limiti ta' skopertura kbar stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'kull ħin.

4.3.2 Reviżjoni tal-limiti speċifikati u l-frekwenza tagħhom

20. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-ftehim dwar is-servizzi jinkludi ċ-ċirkostanzi li taħthom il-limiti speċifikati jistgħu jiġu riveduti u l-frekwenza tar-reviżjoni tagħhom.
21. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu f'pożizzjoni li jitolbu r-reviżjoni tal-limiti speċifikati abbażi tar-rapporti mill-aġent ta' tliet partijiet imsemmija fil-punt e) tal-paragrafu 12 jew meta jiġu infurmati bi kwalunkwe ksur tal-limiti speċifikati mill-aġent ta' tliet partijiet.
22. Fid-determinazzjoni taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 20, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-iskoperturi globali tagħhom għal emittent ta' kollateral u l-grupp tiegħu ta' klijenti konnessi, jekk disponibbli, u r-riskju li jiksru l-limiti ta' skopertura kbar stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll il-kapaċità tagħhom, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħhom, li jiġġestixxu fil-ħin kwalunkwe skopertura oħra għal emittent ta' kollateral li jista' jkollhom sabiex jevitaw ksur tal-limiti ta' skopertura kbar.
23. Ir-reviżjoni tal-limiti speċifikati għandha tiegħu l-forma ta' bidla fl-ammont assolut tal-limitu speċifikat jew il-valur perċentwali ta' tip speċifiku ta' titoli fil-portafoll ta' emittent ta' kollateral. Jista' wkoll jiegħu l-forma ta' esklużjoni jew inklużjoni ta' tip ta' titoli fil-portafoll ta' emittent ta' kollateral.
24. Ir-reviżjoni tal-limiti speċifikati għandha tkun possibbli matul il-ħajja tal-ftehim dwar is-servizzi u għandha titwettaq fil-ħin mill-aġent ta' tliet partijiet ladarba jkun ġie infurmat b'dan.

4.3.3 Monitoraġġ tal-limiti speċifikati u l-frekwenza tiegħu

25. Fejn l-istituzzjonijiet jagħmlu użu mit-trattament alternattiv, huma għandhom jivverifikaw li s-sistemi li l-aġent ta' tliet partijiet għandu fis-seħħ biex jimmonitorja l-kompożizzjoni tal-kollateral huma adegwati fir-rigward tal-ġestjoni preċiża u f'waqtha tal-limiti speċifikati.
26. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jivverifikaw li s-sistemi ta' monitoraġġ tal-aġent ta' tliet partijiet jippermettu lill-aġent ta' tliet partijiet jiskatta movimenti fi ħdan il-portafoll ta' titoli ta' emittent ta' kollateral partikolari sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti speċifikati.

27. L-istituzzjonijiet għandhom jivverifikaw ukoll li l-aġent ta' tliet partijiet jiġġestixxi r-rivalutazzjoni tal-kollateral, il-margġinazzjoni tal-varjazzjoni, il-pagamenti tal-introjtu fuq il-kollaterali u possibbilment kwalunkwe sostituzzjoni meħtieġa tal-kollateral skont l-obbligi tiegħu ta' tliet partijiet skont il-ftehim dwar is-servizzi.

4.4 L-iżguraw tal-konformità mal-limiti ta' skoperturi kbar tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

28. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-użu tat-trattament alternattiv ma jwassalx għal ksur tal-limiti ta' skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

29. Meta jkun seħħ ksur tal-limiti speċifikati, l-aġent ta' tliet partijiet għandu jinforma lill-istituzzjoni immedjatament dwar:

- a) l-isem tal-emittent tal-kollateral li fir-rigward tiegħu jkun seħħ il-ksur;
- b) l-ISIN jew il-kodiċi ta' sigurtà tat-titoli riċevuti bħala kollateral;
- c) il-valur tas-suq tal-kollateral riċevut;
- d) id-data meta seħħ il-ksur;
- e) l-azzjoni ta' rimedju adottata mill-aġent ta' tliet partijiet; u
- f) il-perjodu ta' żmien li fih il-ksur ġie jew huwa mistenni li jiġi rimedjat.

30. Il-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni għandu jiġi infurmat mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe ksur tal-limiti speċifikati fuq it-titoli minn emittent tal-kollateral u l-impatt probabbli tiegħu fuq il-konformità mal-limiti ta' skopertura kbar tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tal-istess emittent tal-kollateral.

31. Mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet mill-aġent ta' tliet partijiet biex jirrimedja kwalunkwe ksur tal-limiti speċifikati, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom ukoll fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni xierqa biex jindirizzaw il-ksur tal-limiti speċifikati biex jiżguraw li l-limiti ta' skopertura kbar tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal emittent ta' kollateral partikolari jiġu osservati f'kull ħin.

4.5 Komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti

4.5.1 Notifika tal-intenzjoni li jintuża t-trattament alternattiv

32. Meta istituzzjoni jkollha l-ħsieb li tagħmel użu mit-trattament alternattiv ma' aġent ta' tliet partijiet, din għandha tinnotifika ex-ante lill-awtorità kompetenti. In-notifika għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

- a. konferma tal-intenzjoni tagħha li tuża t-trattament alternattiv;
- b. deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tal-ftehim dwar is-servizzi;
- c. l-identifikazzjoni tal-aġent(i) ta' tliet partijiet li biĥsiebu juża;
- d. dikjarazzjoni approvata mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni li l-użu tat-trattament alternattiv jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida.

33. L-awtorità kompetenti għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja biex tivverifika l-adeqwatezza tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida. L-awtorità kompetenti għandha tkun tista' titlob informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ.

34. Meta istituzzjoni jkollha l-intenzjoni li ttemm il-ftehim konkluż ma' aġent ta' tliet partijiet, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti malajr kemm jista' jkun.

4.5.2 Tħassib materjali espress mill-awtoritajiet kompetenti

35. Tħassib materjali dwar l-użu tat-trattament alternattiv għandu jkun ibbażat tal-inqas fuq waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

Tħassib materjali fir-rigward tal-istituzzjoni

- a) l-użu tat-trattament alternattiv iwassal jew x'aktarx iwassal għal ksur tal-limiti ta' skopertura kbar tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- b) l-istituzzjoni ma tkunx qed tikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar tagħha f'konformità mal-Artikoli 394 u 430 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- c) it-trattament alternattiv ma jkunx integrat jew ikun integrat biss parzjalment fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni;
- d) is-sejbiet rilevanti minn spezzjonijiet fuq il-post, awditi interni u esterni jew valutazzjonijiet superviżorji oħra jipprovdu evidenza ta' proċeduri interni insuffiċjenti għall-ġestjoni u/jew għall-monitoraġġ tal-użu tat-trattament alternattiv skont dawn il-linji gwida.

Tħassib materjali fir-rigward tal-ftehim dwar is-servizzi

- e) id-dispożizzjonijiet inklużi fil-ftehim dwar is-servizzi ma jiżgurawx il-konformità mal-liġijiet applikabbli u r-rekwiżiti regolatorji, inklużi dawn il-linji gwida. B'mod partikolari:
 - i. id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar is-servizzi rigward ir-reviżjoni tal-limiti speċifikati jagħmluha impossibbli għal istituzzjoni li titlob l-implimentazzjoni f'waqtha tal-bidliet biex tipprevjeni ksur tal-limiti ta' skopertura kbar tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

- ii. L-istituzzjoni jew parti terza leġittima ma għandhiex id-dritt li tivverifika s-servizzi pprovduti mill-aġent ta' tliet partijiet skont il-ftehim dwar is-servizzi biex tivverifika li l-aġent ta' tliet partijiet għandu fis-seħħ salvagwardji xierqa biex jiġi previst il-ksur tal-limiti speċifikati mill-istituzzjoni kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 403(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

Tħassib materjali fir-rigward tal-aġent ta' tliet partijiet

- f) L-aġent ta' tliet partijiet huwa entità regolata u l-awtorizzazzjoni tiegħu tiġi sussegwentement irtirata mill-awtorità kompetenti tiegħu;
- g) ikun hemm evidenza li l-aġent ta' tliet partijiet ma jkunx ikkonforma mar-rekwiżiti għall-introduzzjoni f'waqtha ta' reviżjonijiet għal-limiti speċifikati skont it-termini tal-ftehim dwar is-servizzi, jew li ma jkunx osserva talbiet mill-istituzzjoni biex jiġu esklużi ċerti tipi ta' kollateral jew emittenti ta' kollateral; jew is-sistemi ta' monitoraġġ tiegħu ma jipprevedux għestjoni preċiża u fil-ħin tal-limiti speċifikati.

4.5.3 Proċedura għat-ttrattament ta' tħassib materjali

36. Malli tirċievi n-notifika stabbilita fit-taqsimha 4.5.1, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-istituzzjoni fi żmien erba' ġimgħat jekk ikollha xi tħassib materjali dwar l-użu tat-ttrattament alternattiv, f'liema każ għandha tiddikjara r-raġunijiet tagħha. Jekk ma jkun hemm l-ebda tħassib materjali, m'hemmx bżonn li jkun hemm aktar komunikazzjoni dwar dik in-notifika.
37. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw it-ttrattament alternattiv sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx issodisfat li l-istituzzjoni tkun indirizzata b'mod sodisfaċenti kwalunkwe tħassib materjali.
38. Jekk istituzzjoni tkun diġà qed tagħmel użu mit-ttrattament alternattiv u sussegwentement l-awtorità kompetenti tinforma lill-istituzzjoni li għandha tħassib materjali dwar l-użu tiegħu, l-istituzzjoni għandha tieqaf tuża t-ttrattament alternattiv u tipprovdiet evidenza lill-awtorità kompetenti dwar dan.
39. L-istituzzjoni għandha tkompli biss l-użu tat-ttrattament alternattiv meta, fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorità kompetenti, tkun indirizzata b'mod sodisfaċenti t-tħassib materjali u pprovdiet evidenza lill-awtorità kompetenti għal dak il-għan.